*10 ta' Diċembru, 1957*

Imħallef:—

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Edward Vincenti Kind pr. et ne.** *versus* Joseph Manché pr. et ne.

## Konkorrenza Sleali — Tixrid ta' Notizzji — Penali — Art. 38 tal-Kodiċi tal-Kummerċ

*Waħda mill-figuri ta' konkorrenza sleali kontemplati mill-liġi tagħna hija d-diffużjoni, magħmula għal skop ta' konkorrenza, ta' notizzji li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrija jew kummerċ ta' kummerċjant ieħor.*

*Il-liġi tagħna ma teżiġix illi l-fatti divulgati jkunu falsi, u tippunixxi anki d-diffużjoni ta' fatti veri; il-verità jew falsità tal-fatti attribwiti tista' biss tinfluwixxi fuq l-maġġuri jew minuri miżura tas-sanzjoni li tiġi applikata għall-każ.*

*Però, il-liġi trid l-intenzjoni speċifika fil-propalatur, jiġifieri f'dak li jagħmel il-konkorrenza sleali; u l-apprezzament ta' dan l-element jiġi dedunt mill-kumpless taċ-ċirkustanzi, u huwa mħolli għall-arbitriju prudenzjali tal-ġudikant.*

*Meta l-kummerċjant li sofra l-konkorrenza sleali jagħżel l-azzjoni għall-penali, ma għandux bżonn jipprova ħlief il-fatt vjolatur, mingħajr in-neċessità li jipprova li huwa sofra danni. Il-penali ma għandhiex tkun anqas minn £10, imma mhux iżjed minn £500; u din il-latitudini hija neċessarja, biex il-ġudikant ikun jista' japplika dik il-penali li tkun tidhirlu l-aktar adegwata skond il-każ partikulari, billi jieħu in konsiderazzjoni l-kobor tal-fatt, iż-żmien li dam sejjer, il-mala fede tal-kontravventur, u ċ-ċirkustanzi partikulari l-oħra ta' kull każ.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta li l-konvenut, b'ittra datata 19 ta' Lulju 1957, minnu firmata, u diretta lid-ditta tedeska "Graetz K.G." ta' "Altra", Westfalia, rappreżentata f'Malta

mid-ditta attriċi, għal skop ta' konkorrenza u biex jipprova lieħu dik ir-rappreżentanza lill-attur ikkommunika notizzji li jagħmlu ħsara lill-kummerċ tal-istess attur; talab li (1) jiġi dikjarat u deċiż illi l-ittra fuq indikata tad-19 ta' Lulju 1957 (dok. "A") tikkostitwixxi att ta' konkorrenza sleali għad-dannu tal-istess attur, u (2) konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat li jħallas lill-istess attur penali ta' mhux anqas minn £10 u mhux aktar minn £500, skond id-dispożizzjoni tal-art. 41(3) tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Bl-interessi kummerċjali, u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi waħda mill-figuri tal-konkorrenza sleali, preveduta fl-art. 38(1) tal-Kodiċi Kummerċjali, hija d-diffużjoni, magħmula għal skop ta' konkorrenza, ta' notizzji li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrija jew kummerċ ta' kummerċjant ieħor;

Illi l-liġi tagħna ma teżiġix illi l-fatti divulgati jkunu falsi, u tippunixxi anki d-diffużjoni ta' fatti veri, billi hija ssegwi s-sistema taljan, franċiż, u belġjan, li ma jammettux il-prova tal- verità tal-fatti attribwiti lill-kummerċjant konkorrenti. Skond il-liġi tagħna, il-verità jew falsità tal-fatti attribwiti tista' biss tinfluwixxi fuq il-maġġuri jew minuri miżura tas-sanzjoni li tiġi applikata għall-każ;

Illi, però, il-liġi trid l-intenzjoni speċifika fil-propalatur, jiġifieri f'dak li jagħmel konkorrenza sleali; u l-apprezzament ta' dan l-element intenzjonali jiġi deżunt mill-kumpless taċ-ċirkustanzi, li l-liġi tirrimetti lill-arbitriju prudenzjali tal-ġudikant;

Illi mill-itrra fuq indikata, li tagħha kopja fidili tinsab fil-fol. 4 tal-proċess, jirriżulta li l-konvenut xerred notizzja li tista' tagħmel ħsara lill-kummerċ tal-attur, u li dik in-

notizzja l-konvenut xerridha b'intenzjoni speċifika li jagħmel konkorrenza sleali għad-dannu tal-attur; billi jidher ċar, mill-kontenut tal-istess ittra, illi l-iskop tiegħu kien dak li jtellef l-aġenzija lill-attur biex jeħodha huwa;

Tikkunsidra;

Illi l-attur għażel l-azzjoni għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' penali; għal liema azzjoni tibbasta l-prova tal-fatt vjolatur, mingħajr in-neċessità tal-prova tad-danni reali subiti. Il-penali ma għandhiex tkun anqas minn £10 u mhux iżjed minn £500; u dina l-latitudini hija neċessarja, biex il-ġudikant ikun jista' japplika dik il-penali li tkun tidhirlu l-aktar adegwata skond il-każ partikulari, billi jieħu in konsiderazzjoni l-kobor tal-fatt, iż-żmien li dam sejjer, il-mala fidi tal-kontravventur, u ċ-ċirkustanzi partikulari l-oħra kollha tal-każ;

Għall-motivi premessi, u kunsidrati ċ-ċirkustanzi kollha fuq riferiti;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza, billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur penali ta' £50; bl-ispejjeż tal-ġudizzju.